

**Talbiet tar-rikorrenti**

- tannulla totalment id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tat-30 ta' Awwissu 2013 fil-Każ R 2333/2012-4; u
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż sostnuti minn Lesaffre għall-finijiet tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u quddiem ir-Raba' Bord tal-Appell.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Applikant għat-trade mark Komunitarja:* Louis Baking Company, SL

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark figurattiva bil-kuluri li tinkludi l-elementi verbali "BANKING CENTRE By TECHNOLINE" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 30, 35 u 42 — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja Nru 9 195 793

*Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* ir-rikorrenti

*Trade mark jew sinjal invokat:* it-trade mark Franċiża "BANKING CENTRE" għal servizzi fil-klassi 41

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni miċħuda

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* rikors miċħud

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

**Rikors ippreżentat fit-8 ta' Novembru 2013 — Groupe Canal + u Canal + France vs UASI — Euronews (News+)**

(Kawża T-591/13)

(2014/C 31/21)

*Lingwa tar-rikors:* il-Franċiż

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Groupe Canal + (Issy-les-Moulineaux, Franza); u Canal + France (Issy-les-Moulineaux) (rappreżentant: L. Barissat, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Euronews (Ecully, Franza)

**Talbiet tar-rikorrenti**

- tiddikjara li teżisti probabbiltà ta' konfużjoni jew li ssir assoċjazzjoni skont l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 bejn l-applikazzjoni għat-trade mark NEWS+ u t-trade mark Franċiża verbali preċedenti ACTU+ Nru 063 457 667 għas-servizzi kkontestati;
- tirriforma d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tad-9 ta' Settembru 2013 fil-punti 23 sa 35 tagħha u tiċħad ir-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni għat-trade mark NEWS+ Nru 9 141 003;
- sussidjarjament, tannulla d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tad-9 ta' Settembru 2013 li ddeċieda li jiċħad l-appell u li kkonferma, bi ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009, id-deċiżjoni kkontestata li tiċħad l-oppożizzjoni kontra l-applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja NEWS+ Nru 9141 003 abbażi tat-trade mark preċedenti ACTU+ Nru 063 457 667.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Applikanti għat-trade mark Komunitarja:* Euronews

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* trade mark verbali "News+" għal servizzi fil-klassijiet 35, 38 u 41 Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 9 141 003

*Proprietarji tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* ir-rikorrenti

*Trade mark jew sinjal invokat:* trade mark Franċiża "ACTU+" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 28, 35, 38, 39 u 41

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni miċħuda

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

**Rikors ippreżentat fl-14 ta' Novembru 2013 — Siemag Tecberg Groupvs vs UASI (Winder Controls)**

(Kawża T-593/13)

(2014/C 31/22)

*Lingwa tar-rikors:* il-Ġermaniż

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Siemag Tecberg Group GmbH (Haiger, il-Ġermanja) (rappreżentant: T. Sommer, avukat)